IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.7.2025
COM(2025) 137 final/2

2025/0071 (COD)

ADDENDUM
This document replaces COM(2025)137 final of 28/03/2025
Addition of cross-reference to linked SWD(2025)237 final
Concerns all language versions.
The text should read as follows:

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2021/2115 u (UE) Nru 251/2014 fir-rigward ta' ċerti regoli tas-suq u miżuri ta' appoġġ settorjali fis-settur tal-inbid u għal prodotti tal-inbid aromatizzat

{SWD(2025) 237 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Filwaqt li l-Unjoni tibqa' fuq quddiem nett fil-livell globali fil-produzzjoni, fil-konsum u fil-valur esportat tal-inbid, it-tibdil soċjetali u demografiku qed ikollu impatt fuq l-ammont, il-kwalità, u t-tipi ta' nbid ikkunsmat. Il-konsum tal-inbid fl-Unjoni qed jonqos b'mod kostanti u jinsab fl-aktar livell baxx tiegħu ta' dawn l-aħħar tliet deċennji, filwaqt li s-swieq tradizzjonali tal-esportazzjoni għall-inbejjed tal-Unjoni huma affettwati minn taħlita ta' nuqqas ta' konsum u fatturi ġeopolitiċi, li jwasslu għal xejriet tal-esportazzjoni aktar inċerti.

Barra minn hekk, il-produzzjoni qed issir imprevedibbli, minħabba l-vulnerabbiltà tas-settur tal-inbid għat-tibdil fil-klima. Peress li l-provvista eċċessiva li tirriżulta minħabba dan tpoġġi pressjoni fuq il-prezzijiet, il-vitikulturi għandhom inqas introjtu għall-investiment fin-negozju tagħhom u riżervi finanzjarji baxxi li jistgħu jiddependu fuqhom jekk wieħed mill-avvenimenti tat-temp severi l-aktar frekwenti u spiss lokalizzati jolqot ir-reġjun tagħhom.

Il-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Politika tal-Inbid (HLG, High-Level Group) ġie stabbilit sabiex jiġu diskussi dawn l-isfidi u jiġu identifikati opportunitajiet possibbli għas-settur tal-inbid tal-Unjoni. L-HLG kien magħmul mid-Diretturi Ġenerali tal-ministeri agrikoli tal-Istati Membri tal-Unjoni u, matul l-ewwel laqgħa, ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet ewlenin tal-partijiet ikkonċernati ġew mistiedna wkoll jippreżentaw l-analiżi tagħhom tas-sitwazzjoni. Id-diskussjonijiet iffukaw fuq kif jista' jiġi appoġġjat aħjar is-settur fid-dawl tal-isfidi strutturali attwali billi jiġi ġestit il-potenzjal tal-produzzjoni, tissaħħaħ il-kompetittività u jiġu esplorati opportunitajiet ġodda tas-suq. Wara erba' laqgħat, il-Grupp approva dokument b'rakkomandazzjonijiet ta' politika[1] f'Diċembru 2024. Ir-rakkomandazzjonijiet intlaqgħu tajjeb mill-partijiet ikkonċernati u mill-MEPs fil-laqgħa tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (COMAGRI) tat-13 ta' Jannar 2025.

Fid-dawl tar-reazzjoni pożittiva għar-rakkomandazzjonijiet tal-HLG, issa huwa mistenni li r-rakkomandazzjonijiet l-aktar urġenti u speċifiċi għas-settur jiġu tradotti fi proposti leġiżlattivi malajr kemm jista' jkun sabiex jgħinu lis-settur tal-inbid jiffaċċja l-isfidi serji u jsir aktar kompetittiv. Jekk il-Kummissjoni ma taġixxix malajr, is-sitwazzjoni se tkompli tiddeterjora, b'konsegwenzi irriversibbli għal ħafna żoni rurali f'termini ta' vinji abbandunati u t-telf ta' tkabbir u opportunitajiet ta' xogħol.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat

Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-iskema ta' awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil ta' dwieli, li se tiġi emendata b'din il-proposta f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-HLG dwar il-ġestjoni tal-potenzjal tal-produzzjoni, sabiex ikun aktar faċli għall-Istati Membri li jindirizzaw jew jipprevjenu r-riskju ta' kapaċità tal-produzzjoni żejda f'ċerti żoni u segmenti tas-suq. Dan ir-regolament propost jemenda wkoll ir-regoli attwali dwar it-tikkettar sabiex jiffaċilita l-produzzjoni ta' prodotti tal-inbid b'kontenut aktar baxx ta' alkoħol u biex jippermetti modi ġodda sabiex il-konsumaturi jiġu infurmati dwar il-karatteristiċi tal-inbid li jixtru.

[1] https://agriculture.ec.europa.eu/document/download/f9ee9420-2b95-4788-8dc2-faa3cfb8171a_en?filename=policy-recommendations-wine-sector-hlg_en.pdf

Ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat huwa emendat ukoll sabiex iqis l-emendi tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 dwar inbejjed b'kontenut aktar baxx ta' alkoħol sabiex jippermetti l-produzzjoni ta' prodotti tal-inbid aromatizzat ibbażati fuq tali nbejjed b'kontenut ta' alkoħol aktar baxx. Sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi jiġu infurmati b'mod korrett dwar in-natura tal-prodotti tal-inbid aromatizzat b'kontenut aktar baxx ta' alkoħol, ir-regoli dwar it-tikkettar jiġu emendati wkoll f'konformità ma' dawk għall-prodotti tad-dwieli.

Ir-Regolament (UE) 2021/2115 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi huwa emendat b'din il-proposta sabiex l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jikkombinaw ir-ristrutturar effiċjenti tal-vinji mal-ħtieġa li tiġi evitata żieda fil-produzzjoni, kif irrakkomandat mill-HLG. Barra minn hekk, il-gruppi ta' produtturi li jimmaniġġjaw id-denominazzjonijiet ta' oriġini protetta u l-indikazzjonijiet ġeografiċi se jkunu jistgħu jibbenefikaw minn appoġġ għall-iżvilupp tat-turiżmu tal-inbid fir-reġjun tagħhom u se jiġi estiż iż-żmien massimu tal-appoġġ għall-operazzjonijiet ta' promozzjoni u komunikazzjoni mwettqa f'pajjiżi terzi. Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fis-settur tal-inbid, ċerti investimenti mwettqa minn organizzazzjonijiet ta' produtturi se jibbenefikaw mir-rata massima ta' assistenza finanzjarja mill-Unjoni. Sabiex jappoġġjaw lill-produtturi fir-rigward tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, l-Istati Membri se jingħataw il-possibbiltà li jżidu l-assistenza finanzjarja massima tal-Unjoni li tista' tiġi pprovduta għal investimenti li jsegwu tali objettiv.

Il-miżuri ta' politika proposti għandhom jiġu implimentati fi ħdan qafas strateġiku nazzjonali koerenti għall-massimizzazzjoni tal-effettività tagħhom. L-Istati Membri jeħtiġilhom jevalwaw l-impatt tagħhom sabiex jiżguraw l-effiċjenza, il-kosteffettività, u l-benefiċċji fit-tul. Il-prijoritajiet ewlenin jinkludu l-evitar tal-iżbilanċi fis-suq, il-preservazzjoni tal-pajsaġġi, is-sostenn tal-impjiegi rurali, u t-tisħiħ tal-kompetittività tal-vitikulturi u tal-produtturi tal-inbid.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Billi tiffaċilita l-produzzjoni ta' prodotti tal-inbid u prodotti tal-inbid aromatizzat b'kontenut aktar baxx ta' alkoħol, din il-proposta tipprovdi lill-konsumaturi l-opportunità li jnaqqsu l-konsum tal-alkoħol tagħhom filwaqt li jibqgħu jgawdu l-inbid. L-għoti ta' aċċess lill-gruppi ta' produtturi li jimmaniġġjaw denominazzjonijiet ta' oriġini protetta u indikazzjonijiet ġeografiċi għall-appoġġ għall-iżvilupp tat-turiżmu tal-inbid fir-reġjun tagħhom huwa konformi mal-għan li jinħolqu opportunitajiet ta' xogħol u t-tkabbir fiż-żoni rurali

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 42 u l-Artikolu 43(2) tiegħu.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Id-dispożizzjonijiet li jeħtieġ li jiġu emendati sabiex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-HLG huma stabbiliti fir-Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u għalhekk l-Istati Membri ma jistgħux jimplimentaw dawk ir-rakkomandazzjonijiet jekk il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma tiġix emendata kif xieraq. F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, diversi dispożizzjonijiet ta' din il-proposta jipprovdu aktar flessibbiltà lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jimmaniġġjaw il-potenzjal tal-produzzjoni aktar adattat għas-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni li jipproduċu l-inbid.

- **Proporzjonalità**

L-għażliet ta' politika tal-proposta huma bbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-HLG, li jirrappreżentaw kompromess approvat b'mod unanimu li ntlaħaq wara erba' sessjonijiet ta' diskussjonijiet dwar għażliet ta' politika differenti u huma appoġġati mill-Istati Membri kollha. Id-diskussjonijiet tal-HLG ġew infurmati minn analiżi fil-fond imwettqa minn esperti mill-Osservatorju tas-Suq tal-Inbid[2]. Dawn l-esperti ddedikaw tliet sessjonijiet speċjali, li jkopru minn Diċembru 2023 sat-tieni trimestru tal-2024, biex jivvalutaw l-istat tas-suq tal-inbid, jesploraw għażliet ta' politika differenti biex jindirizzaw l-isfidi attwali u jgħinu lis-settur jaħtaf opportunitajiet futuri potenzjali. Din il-proposta tibqa' fil-limitu ta' dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi diġà segwiti mir-regoli eżistenti emendati.

- **Għażla tal-istrument**

Ir-regoli li jeħtieġ li jiġu emendati sabiex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-HLG huma stabbiliti fi tliet Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għalhekk, l-istrument magħżul irid ikun ukoll Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba l-urġenza li tiġi adottata l-inizjattiva, ma hija ppjanata l-ebda sejħa għal evidenza jew konsultazzjoni pubblika.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-HLG kienu r-riżultat ta' diskussjoni u analiżi wiesgħa u fil-fond li diġà bdew qabel ma twaqqaf l-HLG, għall-ewwel mal-esperti tal-inbid fl-Osservatorju tas-Suq u l-partijiet ikkonċernati u mbagħad fil-qafas tal-HLG mad-Diretturi Ġenerali tal-ministeri agrikoli tal-Istati Membri kollha. Il-partijiet ikkonċernati ewlenin ġew mistiedna wkoll għal waħda mil-laqgħat tal-HLG sabiex jippreżentaw il-pożizzjonijiet tagħhom. Il-proposta legali hija bbażata fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-HLG li ġew approvati b'mod unanimu mill-Istati Membri u huma appoġġjati mill-partijiet ikkonċernati u milqugħa mill-COMAGRI.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba l-urġenza li tiġi adottata l-inizjattiva, mhu se titwettaq l-ebda valutazzjoni tal-impatt. Il-kostijiet u l-benefiċċji tal-inizjattiva se jiġu vvalutati f'Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li għandu jiġi ppubblikat fi żmien 3 xhur mill-adozzjoni tiegħu.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din il-proposta għandha l-għan li timminimizza l-kostijiet tal-konformità għall-SMEs li jaqbżu l-possibbiltà diġà eżistenti li jipprovdu l-lista ta' ingredjenti u d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni b'mezzi elettroniċi, filwaqt li tissimplifika l-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-Unjoni. Bħalissa, l-identifikazzjoni fuq l-imballaġġ jew fuq tikketta mwaħħla miegħu tal-link (eż. kodiċi QR) għall-mezzi elettroniċi li fihom il-lista tal-ingredjenti u d-dikjarazzjoni dwar

[2] https://agriculture.ec.europa.eu/document/download/83588b14-0c75-43a4-b8ab-c5718bee6b01_en?filename=future-prospects-of-the-eu-wine-sector-june-2024.pdf

in-nutrizzjoni permezz tal-kliem (eż. “ingredjenti” u/jew “dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni”) hija ta’ piż għall-produtturi tal-inbid, u r-regoli għall-identifikazzjoni jvarjaw fost l-Istati Membri. Bir-Regolament propost, il-Kummissjoni se tingħata s-setgħa li tiżviluppa, f’kooperazzjoni mal-Istati Membri, regoli għal approċċ komuni għal tali identifikazzjoni, li se jnaqqsu l-kostijiet u l-piż amministrattiv speċjalment għall-produtturi ż-żgħar li se jkunu jistgħu jbigħu l-inbejjed tagħhom f’pajjiżi differenti bl-istess tikketta. Id-denominazzjonijiet tal-bejgħ tal-inbejjed b’kontenut imnaqqas ta’ alkoħol huma armonizzati wkoll madwar l-Unjoni u se jsiru aktar ċari bl-użu ta’ termini aktar familjari mal-konsumaturi.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b’mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja kwantifikabbli. Kwalunkwe bidla fl-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għall-interventi skont il-pjan strateġiku ssir fil-qafas tal-pakketti finanzjarji nazzjonali.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta’ implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Fid-dawl tal-kriżi li s-settur tal-inbid tal-Unjoni qed jiffaċċja bħalissa, jenħtieġ li l-miżura tidħol fis-seħħ malajr kemm jista’ jkun, ħlief għar-regoli l-ġodda dwar it-tikkettar, li jeħtieġ li japplikaw aktar tard sabiex il-produtturi jingħataw żmien biex jadattaw u jippermettu l-bejgħ ta’ prodotti ttikkettati skont ir-regoli applikabbli qabel sakemm l-istokk ikun ġie eżawrit.

L-osservatorju tas-suq tal-inbid qed jimmonitorja kontinwament il-provvista u d-domanda ta’ tipi differenti ta’ nbid fis-suq tal-Unjoni u se jipprovdi għarfien dwar l-iżviluppi tas-segment tas-suq tal-inbejjed b’livell baxx ta’ alkoħol, li l-iżvilupp tagħhom għandu l-għan li jappoġġja dan ir-regolament propost. L-effetti tal-bidliet fl-iskema ta’ awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil ta’ dwieli se jiġu mmonitorjati fil-qafas tal-komunikazzjonijiet annwali obbligatorji ppreżentati mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-iskema.

- **Dokumenti ta’ spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Jekk jinqalgħu mill-għeruq id-dwieli ta’ vinja, il-vitikultur jista’ jitlob awtorizzazzjoni għat-tħawwil mill-ġdid li tkun valida għal 3 snin (6 snin jekk it-tħawwil mill-ġdid iseħħ fuq l-istess roqgħa art). L-HLG irrakkomanda validità itwal ta’ 8 snin għall-awtorizzazzjonijiet kollha għat-tħawwil mill-ġdid sabiex, f’din is-sitwazzjoni inċerta, il-vitikulturi jingħataw aktar żmien biex jesploraw il-possibbiltà li jħawlu varjetajiet li huma adattati aħjar għad-domanda tas-suq jew għall-kundizzjonijiet klimatiċi li qed jinbidlu jew li jużaw tekniki ġodda ta’ ġestjoni tal-vinji.

Barra minn hekk, sabiex tittaffa l-pressjoni fuq il-vitikulturi, il-penali amministrattivi applikati meta awtorizzazzjoni għat-tħawwil mill-ġdid ma tintużax matul il-perjodu ta’ validità tagħha, jenħtieġ li jitneħħew. Għall-kuntrarju, l-HLG qabel li jibqa’ japplika l-penali amministrattiva jekk awtorizzazzjonijiet għal tħawwil ġdid jibqgħu ma jintużawx, sabiex jiskoraġġixxu applikazzjonijiet spekulattivi minn vitikulturi li ma għandhomx l-intenzjoni li

jħawlu d-dwieli. Madankollu, fid-dawl tat-tnaqqis attwali fid-domanda għall-inbid, il-vitikulturi li għandhom awtorizzazzjonijiet validi, mhux użati għal tħawwil ġdid mogħtija lilhom qabel l-1 ta' Jannar 2025 jenħtieġ li jitħallew jirrinunzjaw, sa ċerta data, għal dawn l-awtorizzazzjonijiet mingħajr ma jġarrbu penali amministrattiva sabiex jitneħħa l-inċentiv li jitħawlu vinji fejn jista' ma jkun hemm l-ebda domanda għall-inbid li se jipproduċu.

L-Istati Membri diġà għandhom il-possibbiltà li jistabbilixxu limiti reġjonali għal awtorizzazzjonijiet għal tħawwil ġdid, għal żoni speċifiċi eliġibbli għall-produzzjoni ta' nbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta, għal żoni eliġibbli għall-produzzjoni ta' nbejjed b'indikazzjoni ġeografika protetta, jew għal żoni mingħajr indikazzjoni ġeografika. Jenħtieġ li jingħataw ukoll il-possibbiltà li jillimitaw il-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet għal tħawwil ġdid fil-livell reġjonali għal żoni speċifiċi bi provvista eċċessiva fejn il-miżuri nazzjonali jew tal-Unjoni li għandhom l-għan li jnaqqsu l-provvista, bħad-distillazzjoni, il-qtugħ bikri jew il-qlugħ mill-għeruq tad-dwieli ta' vinji, jiġu implimentati jew ġew implimentati sabiex jiġi evitat li jkompli jiżdied il-potenzjal tal-produzzjoni tar-reġjuni fejn il-provvista diġà tisboq id-domanda.

Madankollu, meta Stat Membru jiddeċiedi li jistabbilixxi limiti reġjonali għal żoni speċifiċi sabiex jiġi evitat tkabbir eċċessiv tal-potenzjal tal-produzzjoni, l-Istat Membru jenħtieġ li jkun awtorizzat ukoll li jitlob li l-awtorizzazzjonijiet mogħtija għaż-żona kkonċernata mil-limitu jintużaw f'dik iż-żona minħabba li altrimenti jkun hemm riskju li parteċipanti ġodda jiġu esklużi għalkollox, li jiskoraġġixxi parteċipanti ġodda u bdiewa żgħażagħ.

Filwaqt li t-tħawwil mill-ġdid ta' vinja bid-dwieli maqlugħin ma jkabbarx iż-żona tal-vinji kollha kemm hi, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jistabbilixxu regoli għat-tħawwil mill-ġdid sabiex tiġi ġestita aħjar id-distribuzzjoni territorjali tal-vinji. L-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil mill-ġdid jistgħu jintużaw fl-istess azjenda li fiha jkun sar il-qlugħ mill-għeruq tad-dwieli. Minħabba li l-azjendi jista' jkun fihom vinji f'reġjuni differenti, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jevitaw ir-rilokazzjoni tal-vinji bejn ir-reġjuni meta jżommu l-vitikultura fir-reġjun ġeografiku inizjali huwa importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali, pereżempju għall-preservazzjoni tal-vinji fuq il-ġnub tal-għoljiet u fl-għelieqi mtarrġa jew għall-preservazzjoni tal-pajsaġġ u biex tiġi evitata l-erożjoni tal-ħamrija. Jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw ukoll il-possibbiltà li jistabbilixxu kundizzjonijiet speċjali għall-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil mill-ġdid biex jinkoraġġixxu l-użu ta' varjetajiet u metodi ta' produzzjoni li ma jżidux ir-rendimenti medji.

F'kuntest ta' konsum li qed jonqos, il-monitoraġġ tal-potenzjal globali tal-produzzjoni huwa importanti ħafna għall-bilanċ futur tas-suq. L-applikazzjoni tal-iskema ta' awtorizzazzjoni għat-tħawwil għandha dan l-objettiv u għandha tapplika fl-Istati Membri kollha li jipproduċu l-inbid meta tintlaħaq ċerta żona tal-vinji.

F'dawn l-aħħar snin kien hemm domanda dejjem tevolvi tal-konsumaturi għal prodotti tad-dwieli b'kontenut imnaqqas ta' alkoħol. Għal prodotti bħal dawn, il-konsumaturi huma familjari ma' termini bħal alkoħol żero, mingħajr alkoħol u b'kontenut alkoħoliku baxx, li ,madankollu, huma rregolati b'mod differenti f'diversi Stati Membri. Tabilħaqq, fin-nuqqas ta' regoli speċifiċi tal-Unjoni rigward indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni li jirreferu għal kontenut alkoħoliku baxx, jew it-tnaqqis fil-livell jew in-nuqqas ta' alkoħol jew enerġija f'xorb li normalment ikun fih l-alkoħol, jistgħu japplikaw regoli nazzjonali rilevanti f'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel (ir-Regolament dwar l-Indikazzjonijiet). Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi armonizzat l-użu ta' dawn it-termini u li jiġi definit il-kontenut ta' alkoħol marbut ma' kull wieħed minnhom madwar l-UE. Dan jenħtieġ li jiġi rifless ukoll fir-regoli dwar it-tikkettar tal-prodotti tal-inbid sabiex il-konsumatur jiġi infurmat aħjar dwar

il-karatteristiċi u l-metodi ta' produzzjoni tal-prodotti tad-dwieli b'kontenut imnaqqas ta' alkoħol, li jippermettu lis-settur tal-inbid tal-Unjoni jibbenefika minn dan l-iżvilupp fid-domanda tal-konsumaturi filwaqt li jinżammu standards tal-produzzjoni ta' kwalità għolja.

Id-domanda għolja tal-konsumaturi għall-inbid spumanti jew bħalu b'kontenut aktar baxx ta' alkoħol jew mingħajr alkoħol tirrappreżenta opportunità għas-settur, iżda jeżistu limitazzjonijiet teknoloġiċi għall-produzzjoni tagħhom bir-regoli attwali tal-produzzjoni dwar id-dealkoħolizzazzjoni. Skont ir-regoli fis-seħħ bħalissa, il-prodotti tal-inbid iridu jkunu laħqu l-karatteristiċi u l-qawwa alkoħolika proprja minima tal-kategorija qabel ma jgħaddu mill-proċess tad-dealkoħolizzazzjoni. Il-proċess tad-dealkoħolizzazzjoni jneħħi s-CO2 mill-inbejjed spumanti. Għalhekk, jenħtieġ li jkun permess li jiġu prodotti nbejjed spumanti u bil-gass minn inbejjed bla gass dealkoħolizzati jew parzjalment dealkoħolizzati permezz tat-tieni fermentazzjoni jew taż-żieda tas-CO2, bil-kundizzjoni li jkunu ttikkettati b'mod li ma jqarraqx lill-konsumatur.

Il-possibbiltà li l-lista ta' ingredjenti u d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni jiġu pprovduti b'mezzi elettroniċi wriet li hija mezz effettiv għall-operaturi sabiex jipprovdu informazzjoni lill-konsumaturi filwaqt li jiffaċilitaw il-funzjonament tas-suq intern u l-esportazzjonijiet tal-inbid, speċjalment għall-produtturi ż-żgħar. Madankollu, in-nuqqas ta' regoli armonizzati dwar l-identifikazzjoni tal-mezzi elettroniċi fuq it-tikketta fiżika u s-soluzzjonijiet diverġenti konsegwenti applikati mill-Istati Membri kkawżaw frammentazzjoni tas-suq uniku li taffettwa l-kummerċjalizzazzjoni xierqa tal-inbejjed madwar l-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tiżviluppa, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, regoli għall-identifikazzjoni tal-mezzi elettroniċi li jipprovdu informazzjoni lill-konsumaturi, b'mod partikolari permezz ta' sistema mingħajr lingwa, sabiex jiġu minimizzati l-kostijiet u l-piż amministrattiv għall-operaturi, u biex jiġi żgurat approċċ komuni fis-suq kollu tal-Unjoni, filwaqt li titqies il-ħtieġa li l-informazzjoni ssir aċċessibbli għall-konsumaturi. Dan l-abbozz ta' regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni wkoll li tadatta r-regoli dwar it-tikkettar elettroniku għal ħtiġijiet ġodda li jirriżultaw mill-progress rapidu u kostanti tad-diġitalizzazzjoni u l-ammont dejjem akbar ta' informazzjoni li jenħtieġ li ssir aċċessibbli għall-konsumaturi.

L-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jadottaw regoli ta' kummerċjalizzazzjoni sabiex jirregolaw il-provvista fis-settur tal-inbid biex itejbu u jistabbilizzaw l-operat tas-suq komuni tal-inbid. Fil-kuntest attwali ta' tnaqqis strutturali fil-konsum u sitwazzjonijiet rikorrenti ta' provvista eċċessiva f'ċerti reġjuni u segmenti tas-suq, huwa xieraq li jiġi ċċarat li tali regoli jistgħu jinkludu l-iffissar ta' rendimenti massimi tal-għeneb u l-ġestjoni tal-istokkijiet tal-inbid. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet ta' produtturi jista' jkollhom rwol importanti fit-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-vitikulturi fil-katina tal-provvista tal-ikel u fl-adattament tal-provvista għax-xejriet tas-suq. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jadottaw ukoll regoli tal-kummerċjalizzazzjoni fis-settur tal-inbid filwaqt li jqisu l-proposti adottati minn organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti jew minn organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti, meta jkunu rappreżentattivi fiż-żona ekonomika kkonċernata.

F'każ ta' żbilanċi fis-suq, l-Istati Membri bħalissa huma awtorizzati li jagħmlu pagamenti nazzjonali lill-produtturi tal-inbid għad-distillazzjoni volontarja jew obbligatorja tal-inbid. Din il-proposta għandha l-għan li tawtorizza pagamenti nazzjonali għall-qtugħ bikri volontarju u l-qlugħ mill-għeruq volontarju tad-dwieli ta' vinji produttivi bħala għodod addizzjonali għall-ġestjoni tal-provvista, minħabba l-kosteffettività biex jitneħħa l-inbid żejjed mis-suq qabel ma jiġi prodott. Il-limiti huma stabbiliti għall-ammont globali ta' pagamenti nazzjonali awtorizzati fi Stat Membru fi kwalunkwe sena partikolari għad-distillazzjoni u l-qtugħ bikri biex tiġi evitata distorsjoni tal-kompetizzjoni. Għall-qlugħ tad-dwieli, minħabba n-natura strutturali tal-miżura u l-kostijiet ogħla tagħha, il-limitu għall-pagamenti nazzjonali

se jiġi stabbilit każ b'każ abbażi taċ-ċirkostanzi speċifiċi tas-suq tal-Istat Membru u r-reġjuni tal-inbid li fihom tiġi implimentata.

Il-prodotti tal-inbid aromatizzat huma sors importanti ieħor għall-prodotti tad-dwieli. Madankollu, il-leġiżlazzjoni attwali ma tippermettix li jintużaw id-denominazzjonijiet tal-bejgħ riżervati għall-prodotti tal-inbid aromatizzat għal xorb li ma jilħaqx il-kontenut minimu ta' alkoħol għal kull kategorija ta' prodotti. Fid-dawl tad-domanda dejjem akbar tal-konsumaturi għal xorb alkoħoliku innovattiv b'qawwa alkoħolika effettiva skont il-volum aktar baxxa, jenħtieġ li jkun permess li jinkisbu prodotti tal-inbid aromatizzat minn inbejjed dealkoħolizzati jew parzjalment dealkoħolizzati. Sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi jiġu infurmati b'mod korrett dwar in-natura tal-prodotti tal-inbid aromatizzat b'kontenut aktar baxx ta' alkoħol, huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli għat-tikkettar tal-inbejjed dealkoħolizzati jew parzjalment dealkoħolizzati, sabiex dawk il-prodotti tal-inbid aromatizzat ikunu jistgħu jużaw l-istess termini deskrittivi fil-preżentazzjoni u t-tikkettar tagħhom bħall-prodotti tad-dwieli bil-kontenut ta' alkoħol korrispondenti. Sabiex tittejjeb iċ-ċarezza tal-informazzjoni lill-konsumaturi, id-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar tad-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni u l-lista ta' ingredjenti tal-prodotti tal-inbid aromatizzat b'mezzi elettroniċi jenħtieġ li jiġu allinjati ma' dawk applikati għall-prodotti tad-dwieli.

Sabiex tiġi ssodisfata d-domanda l-ġdida tal-konsumaturi u l-ħtieġa għall-innovazzjoni tal-prodott, ir-rekwiżiti għall-kategorija ta' prodotti tal-inbid aromatizzat "Glühwein" huma emendati sabiex jippermettu l-użu tal-inbid rożè. Fl-istess ħin, qed isiru dispożizzjonijiet sabiex jiġi pprojbit l-użu tat-terminu "rożè" fit-tikkettar ta' "Glühwein" prodott billi jitħalltu l-inbid aħmar u abjad jew kwalunkwe wieħed minnhom mal-inbid rożè. Qed tiġi introdotta deroga għat-tikkettar biex tippermetti x-xorb alkoħoliku prodott bl-istess rekwiżiti bħal dawk stabbiliti għall-"Glühwein", iżda bl-użu tal-inbid tal-frott minflok il-prodotti tad-dwieli bħala ingredjent ewlieni, biex tintuża d-denominazzjoni tal-bejgħ "Glühwein" fil-preżentazzjoni u t-tikkettar tagħhom sabiex tiġi ssodisfata d-domanda tal-konsumaturi għal tali prodotti.

Fil-qafas tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, jistgħu jiġu appoġġjati r-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji. Sabiex jinstab bilanċ bejn il-ħtieġa li l-Istati Membri jiżguraw ristrutturar effiċjenti tal-vinji u l-ħtieġa li tiġi evitata żieda fil-produzzjoni li tista' twassal għal provvista eċċessiva, l-Istati Membri se jitħallew jistabbilixxu kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tat-tip ta' interventi ta' ristrutturar u konverżjoni bl-għan li tiġi evitata żieda fir-rendiment u b'hekk żieda fil-produzzjoni għall-vinja soġġetta għal dan it-tip ta' interventi.

Gruppi ta' produtturi li jimmaniġġjaw denominazzjonijiet ta' oriġini protetta u indikazzjonijiet ġeografiċi, bil-ħsieb li jiġi żviluppat it-turiżmu tal-inbid f'reġjuni tal-inbid b'denominazzjonijiet protetti u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, issa jistgħu jkunu benefiċjarji tat-tip ta' interventi li jippromwovu t-turiżmu tal-inbid fir-reġjuni tal-produzzjoni.

Il-partijiet ikkonċernati u l-Istati Membri ddikjaraw b'mod ripetut li t-tul massimu attwali ta' 3 snin għall-appoġġ mogħti għall-operazzjonijiet ta' promozzjoni u komunikazzjoni mwettqa f'pajjiżi terzi fir-rigward tal-konsolidazzjoni tas-swieq disponibbli huwa qasir wisq biex jintlaħaq dan l-għan. Għalhekk, it-tul ta' żmien massimu huwa estiż minn 3 snin għal 5 snin.

Sabiex jiġi pprovdut inċentiv addizzjonali għall-kooperazzjoni fis-settur tal-inbid, ċerti investimenti mwettqa minn organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti se jibbenefikaw mill-istess rata massima ta' assistenza finanzjarja mill-Unjoni kif diġà huwa l-każ għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju.

L-Istati Membri, bil-ħsieb li jkomplu jiġu appoġġati l-produtturi fir-rigward tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, jingħataw l-għażla li jżidu l-assistenza finanzjarja

massima tal-Unjoni li tista' tiġi pprovduta għal investimenti li jsegwu tali objettiv sa 80 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli.

Sabiex jiġu ċċarati l-kundizzjonijiet applikabbli għall-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għal investimenti fl-innovazzjoni, huwa ddikjarat b'mod espliċitu li l-ebda tali assistenza finanzjarja mill-Unjoni ma għandha tingħata lil intrapriżi f'diffikultà skont it-tifsira tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà".

2025/0071 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2021/2115 u (UE) Nru 251/2014 fir-rigward ta' ċerti regoli tas-suq u miżuri ta' appoġġ settorjali fis-settur tal-inbid u għal prodotti tal-inbid aromatizzat

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42, l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mingħand il-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[3],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[4],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Filwaqt li l-Unjoni tibqa' fuq quddiem nett fil-livell globali fil-produzzjoni, fil-konsum u fil-valur esportat tal-inbid, it-tibdil soċjetali u demografiku qed ikollu impatt fuq l-ammont, il-kwalità, u t-tipi ta' nbid ikkunsmat. Il-konsum tal-inbid fl-Unjoni jinsab fl-aktar livell baxx tiegħu ta' dawn l-aħħar tliet deċennji filwaqt li s-swieq tradizzjonali tal-esportazzjoni għall-inbejjed tal-Unjoni huma affettwati minn taħlita ta' xejriet ta' konsum li qed jonqsu u fatturi ġeopolitiċi, li jwasslu għal xejriet tal-esportazzjoni aktar inċerti. Barra minn hekk, il-produzzjoni qed issir imprevedibbli, minħabba l-vulnerabbiltà tas-settur tal-inbid għat-tibdil fil-klima. Peress li l-provvista eċċessiva li tirriżulta minħabba dan twassal għal tnaqqis fil-prezzijiet, il-vitikulturi għandhom inqas introjtu għall-investiment fin-negozju tagħhom u riżervi finanzjarji baxxi li jistgħu jiddependu fuqhom jekk wieħed mill-avvenimenti tat-temp severi l-aktar frekwenti u spiss lokalizzati jolqot ir-reġjun tagħhom.

(2) Il-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Politika tal-Inbid ("HLG", High-Level Group) ġie stabbilit sabiex jiġu diskussi dawn l-isfidi u sabiex jiġu identifikati opportunitajiet possibbli għas-settur tal-inbid tal-Unjoni. Dan irrifletta fuq kif jista' jiġi appoġġjat aħjar is-settur li jiffaċċja l-isfidi strutturali attwali billi jiġi ġestit il-potenzjal tal-produzzjoni, tissaħħaħ il-kompetittività u jiġu esplorati opportunitajiet ġodda tas-suq. Wara erba' laqgħat, l-HLG approva dokument b'rakkomandazzjonijiet ta' politika[5].

---

3 ĠU C , , p. .

4 ĠU C , , p. .

5 https://agriculture.ec.europa.eu/document/download/f9ee9420-2b95-4788-8dc2-faa3cfb8171a_en?filename=policy-recommendations-wine-sector-hlg_en.pdf

(3) Sabiex jingħata l-aħjar appoġġ possibbli lill-produtturi tal-inbid li qed jiffaċċjaw l-isfidi ta' hawn fuq, huwa xieraq li r-rakkomandazzjonijiet l-aktar urġenti tal-HLG jiġu riflessi fil-qafas legali applikabbli għall-inbejjed u l-prodotti tal-inbid aromatizzat.

(4) Fid-dawl tat-tnaqqis attwali fid-domanda għall-inbid, il-vitikulturi li għandhom awtorizzazzjonijiet validi, mhux użati għal tħawwil ġdid u awtorizzazzjonijiet li jirriżultaw mill-konverżjoni tad-drittijiet ta' tħawwil mogħtija lilhom qabel l-1 ta' Jannar 2025 jenħtieġ li jitħallew jirrinunzjaw dawn l-awtorizzazzjonijiet mingħajr ma jġarrbu penali amministrattiva, bil-ħsieb li jitneħħa l-inċentiv għad-detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tħawwil biex iħawlu d-dwieli fejn jista' ma jkun hemm l-ebda domanda għall-inbid li se jipproduċu. Għall-awtorizzazzjonijiet għal tħawwil ġdid mogħtija wara dik id-data, jenħtieġ li l-penali amministrattiva tkompli tapplika f'każ li dawn l-awtorizzazzjonijiet ma jintużawx sabiex jiġu skoraġġuti l-applikazzjonijiet spekulattivi mill-vitikulturi li ma jkollhomx l-intenzjoni li jħawlu d-dwieli.

(5) Fir-rigward tal-ġestjoni tal-potenzjal tal-produzzjoni, jenħtieġ li jiġi previst perjodu ta' validità itwal tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil mill-ġdid sabiex il-produtturi jingħataw aktar żmien biex jesploraw il-possibbiltà li jħawlu varjetajiet li huma adattati aħjar għad-domanda tas-suq jew għall-kundizzjonijiet klimatiċi li qed jinbidlu jew li jużaw tekniki ġodda ta' ġestjoni tal-vinji. Barra minn hekk, sabiex tittaffa l-pressjoni fuq il-vitikulturi, jenħtieġ li dawn ma jiffaċċjawx penali amministrattivi jekk jiddeċiedu li ma jużawx awtorizzazzjoni għat-tħawwil mill-ġdid.

(6) Jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jillimitaw il-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet għal tħawwil ġdid fil-livell reġjonali għal żoni speċifiċi bi provvista eċċessiva fejn il-miżuri nazzjonali jew tal-Unjoni li għandhom l-għan li jnaqqsu l-provvista (jiġifieri d-distillazzjoni, il-qtugħ bikri jew il-qlugħ mill-għeruq tad-dwieli) jiġu implimentati jew ġew implimentati sabiex jiġi evitat li jkompli jiżdied il-potenzjal tal-produzzjoni.

(7) Meta Stat Membru jiddeċiedi li jistabbilixxi limiti reġjonali għal żoni speċifiċi sabiex jiġi evitat tkabbir eċċessiv tal-potenzjal tal-produzzjoni, huwa xieraq li jkun permess li l-Istati Membri jirrikjedu li l-awtorizzazzjonijiet mogħtija għaż-żona kkonċernata mil-limitu reġjonali jintużaw f'dik iż-żona. Sabiex jitqiesu aħjar ix-xejriet reċenti fis-settur tal-inbid, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-flessibbiltà li jistabbilixxu limiti reġjonali għal żoni speċifiċi sa 0 %, bil-ħsieb li l-potenzjal tal-produzzjoni jiġi adattat għad-domanda tas-suq.

(8) Filwaqt li t-tħawwil mill-ġdid ta' vinja bid-dwieli maqlugħin ma jkabbarx iż-żona tal-vinji, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jistabbilixxu regoli għat-tħawwil mill-ġdid sabiex tiġi ġestita aħjar id-distribuzzjoni territorjali tal-vinji, pereżempju biex tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-vinji lejn reġjuni bi żbilanċ fis-suq jew 'il bogħod mill-ġnub tal-għoljiet u għelieqi mtarrġa, fejn dawn għandhom rwol importanti fil-preservazzjoni tal-pajsaġġ u jevitaw l-erożjoni tal-ħamrija. Jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw ukoll il-possibbiltà li jistabbilixxu kundizzjonijiet dwar l-użu tal-varjetajiet u l-metodi ta' produzzjoni sabiex tiġi evitata żieda fir-rendimenti u sabiex tiġi żgurata l-preservazzjoni tal-varjetajiet tradizzjonali tal-għeneb u l-metodi ta' produzzjoni.

(9) Sabiex jiġi żgurat approċċ proporzjonat għall-applikazzjoni tal-iskema tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil tad-dwieli filwaqt li jitqiesu r-riskji serji li tirrappreżenta l-provvista eċċessiva għas-suq, huwa xieraq li jiġi stabbilit limitu massimu ta' ettari ta' vinji mħawla li taħtu l-Istati Membri huma eżentati mill-obbligu li japplikaw l-iskema tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil tad-dwieli.

(10) F’dawn l-aħħar snin, kien hemm domanda dejjem tevolvi tal-konsumaturi għal prodotti tad-dwieli b’kontenut imnaqqas ta’ alkoħol, li bħalissa huma prodotti permezz tad-dealkoħolizzazzjoni bl-użu ta’ ċerti tekniki permessi fl-Unjoni. Il-konsumaturi huma familjari ma’ termini bħal “0,0 %”, “mingħajr alkoħol” u “b’ammont ta’ alkoħol ħafif”, li jintużaw ħafna iżda huma rregolati b’mod differenti f’diversi Stati Membri. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi armonizzat l-użu ta’ dawn it-termini madwar l-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li r-regoli dwar it-tikkettar tal-prodotti tal-inbid jiġu emendati sabiex il-konsumatur jiġi infurmat aħjar dwar il-karatteristiċi tal-prodotti tad-dwieli b’kontenut imnaqqas ta’ alkoħol, filwaqt li jinżamm l-obbligu li tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-metodu ta’ produzzjoni li jikkonsisti f’dealkoħolizzazzjoni. Dan jenħtieġ li jippermetti lis-settur tal-inbid tal-Unjoni jibbenefika minn dan l-iżvilupp fid-domanda tal-konsumaturi filwaqt li jżomm standards tal-produzzjoni ta’ kwalità għolja.

(11) Id-domanda għolja tal-konsumaturi għall-inbid spumanti jew bħalu b’kontenut aktar baxx ta’ alkoħol jew mingħajr alkoħol tirrappreżenta opportunità għas-settur. Madankollu, ir-regoli attwali għall-produzzjoni ta’ nbejjed dealkoħolizzati jimponu ċerti limitazzjonijiet teknoloġiċi għall-produzzjoni ta’ tali nbejjed. Skont ir-regoli fis-seħħ bħalissa, il-prodotti tal-inbid iridu jkunu laħqu l-karatteristiċi u l-kontenut minimu ta’ alkoħol tal-kategorija korrispondenti qabel ma jgħaddu mill-proċess ta’ dealkoħolizzazzjoni, li jimplika li l-inbejjed spumanti dealkoħolizzati jistgħu jiġu prodotti biss minn inbejjed spumanti. Madankollu, il-proċess ta’ dealkoħolizzazzjoni jneħħi kompletament kwalunkwe CO2 mill-inbid spumanti inizjali. Konsegwentement, sabiex jiġi prodott inbid spumanti b’kontenut aktar baxx ta’ alkoħol jew mingħajr kontenut ta’ alkoħol, huwa meħtieġ li jiġi introdott mill-ġdid is-CO2 fl-inbid parzjalment jew totalment dealkoħolizzat li jkun tilef il-kontenut inizjali tiegħu tas-CO2, permezz ta’ proċess ġdid u separat. Għalhekk, jenħtieġ li jkun permess li jiġu prodotti nbejjed spumanti u spumanti bil-gass dealkoħolizzati direttament minn inbejjed bla gass dealkoħolizzati jew parzjalment dealkoħolizzati permezz tat-tieni fermentazzjoni jew taż-żieda tas-CO2, rispettivament.

(12) Il-possibbiltà li jiġu pprovduti l-lista ta’ ingredjenti u d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni tal-prodotti tal-inbid b’mezzi elettroniċi wriet li hija effettiva għall-operaturi sabiex jippreżentaw informazzjoni importanti lill-konsumaturi, filwaqt li tiffaċilita l-funzjonament tas-suq intern u l-esportazzjonijiet tal-inbid, speċjalment għall-produtturi ż-żgħar. Madankollu, in-nuqqas ta’ regoli armonizzati dwar l-identifikazzjoni, fuq l-imballaġġ jew it-tikketta mwaħħla miegħu, tal-mezzi elettroniċi li jipprovdu l-lista ta’ ingredjenti u/jew id-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni, qed jikkawża prattiki diverġenti mill-operaturi u regoli differenti mill-awtoritajiet nazzjonali, li jaffettwaw il-kummerċjalizzazzjoni xierqa tal-inbejjed. Sabiex jiġu minimizzati l-kostijiet u l-piż amministrattiv għall-operaturi, u biex jiġi żgurat approċċ komuni fis-suq kollu tal-Unjoni, filwaqt li titqies il-ħtieġa li tali informazzjoni ssir aċċessibbli għall-konsumaturi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tiżviluppa, f’kooperazzjoni mal-Istati Membri, regoli dwar l-identifikazzjoni fuq l-imballaġġ jew it-tikketta mwaħħla miegħu tal-mezzi elettroniċi li jipprovdu lill-konsumaturi bil-lista ta’ ingredjenti u d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni b’mod armonizzat, inkluż permezz ta’ sistema mingħajr lingwi.

(13) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadatta r-regoli dwar it-tikkettar elettroniku għal ħtiġijiet ġodda li jirriżultaw mill-progress rapidu u kostanti tad-diġitalizzazzjoni u li takkomoda informazzjoni obbligatorja jew rilevanti oħra lill-konsumaturi li tista’ tiġi ppreżentata b’mod elettroniku.

(14) L-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jadottaw regoli ta' kummerċjalizzazzjoni sabiex jirregolaw il-provvista fis-settur tal-inbid biex itejbu u jistabbilizzaw l-operat tas-suq komuni tal-inbid. Fil-kuntest attwali ta' tnaqqis strutturali fil-konsum u sitwazzjonijiet rikorrenti ta' provvista eċċessiva f'ċerti reġjuni u segmenti tas-suq, huwa xieraq li jiġi ċċarat li tali regoli jistgħu jinkludu l-iffissar ta' rendimenti massimi tal-għeneb u l-ġestjoni tal-istokkijiet tal-inbid. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet ta' produtturi jista' jkollhom rwol importanti fit-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-vitikulturi fil-provvista tal-ikel u fl-adattament tal-provvista għax-xejriet tas-suq. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jadottaw ukoll regoli tal-kummerċjalizzazzjoni fis-settur tal-inbid filwaqt li jqisu l-proposti adottati minn organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti jew minn organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti, meta jkunu rappreżentattivi fiż-żona jew fiż-żoni ekonomiċi kkonċernati.

(15) Bħalissa l-Istati Membri jistgħu jkunu awtorizzati li jagħmlu pagamenti nazzjonali lill-produtturi tal-inbid għad-distillazzjoni volontarja jew obbligatorja tal-inbid. Minħabba l-kosteffettività tat-tneħħija tal-produzzjoni żejda mis-suq qabel ma jiġi prodott l-inbid, huwa xieraq li tiġi prevista wkoll il-possibbiltà li l-Istati Membri jiġu awtorizzati, f'każijiet ġustifikati ta' kriżi, biex jagħmlu pagamenti nazzjonali għall-qtugħ bikri volontarju u l-qlugħ mill-għeruq volontarju tad-dwieli ta' vinji produttivi. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi limiti għall-ammont globali ta' pagamenti nazzjonali awtorizzati fi Stat Membru fi kwalunkwe sena partikolari għad-distillazzjoni u l-qtugħ bikri biex tiġi evitata distorsjoni tal-kompetizzjoni. Għall-qlugħ tad-dwieli, minħabba n-natura strutturali tal-miżura u l-kostijiet ogħla tagħha, mhuwiex xieraq li jiġi stabbilit ammont massimu globali ta' pagamenti nazzjonali. Madankollu, fin-notifika tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġġustifikaw il-limitu għall-pagamenti nazzjonali każ b'każ abbażi taċ-ċirkostanzi speċifiċi tas-suq tagħhom u dawk tar-reġjuni tal-inbid li fihom il-miżura tkun implimentata.

(16) Il-prodotti tal-inbid aromatizzat huma forom naturali għall-prodotti tad-dwieli. Madankollu, ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] ma jippermettix li jintużaw id-denominazzjonijiet tal-bejgħ riżervati għall-prodotti tal-inbid aromatizzat għal xorb li ma jilħaqx il-kontenut minimu ta' alkoħol stabbilit f'dak ir-Regolament għal kull kategorija ta' prodotti. Fid-dawl tad-domanda dejjem akbar tal-konsumaturi għal xorb alkoħoliku innovattiv b'qawwa alkoħolika effettiva skont il-volum aktar baxxa, jenħtieġ li tkun permessa l-introduzzjoni fis-suq ta' xorb miksub minn inbejjed dealkoħolizzati jew parzjalment dealkoħolizzati prodotti f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] li fil-preżentazzjoni u t-tikkettar tagħhom ikollhom id-denominazzjonijiet tal-bejgħ riżervati għall-prodotti tal-inbid aromatizzat.

(17) Sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi jiġu infurmati b'mod korrett dwar in-natura tal-prodotti tal-inbid aromatizzat b'kontenut aktar baxx ta' alkoħol, huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli f'konformità ma' dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għat-tikkettar tal-inbejjed dealkoħolizzati jew parzjalment dealkoħolizzati, sabiex il-

---

6 Ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91 (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/251/oj).

7 Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj).

prodotti tal-inbid aromatizzat miksuba minn inbejjed dealkoħolizzati jew parzjalment dealkoħolizzati jiġu deskritti fil-preżentazzjoni u t-tikkettar tagħhom bl-istess termini bħall-prodotti tad-dwieli bil-kontenut ta' alkoħol korrispondenti.

(18) Il-kwistjonijiet enfasizzati hawn fuq għall-prodotti tad-dwieli fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-mezzi elettroniċi li fihom id-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni u l-lista ta' ingredjenti huma validi wkoll għall-prodotti tal-inbid aromatizzat. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tiżviluppa, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, regoli dwar l-identifikazzjoni fuq l-imballaġġ jew it-tikketta mwaħħla miegħu tal-mezzi elettroniċi għall-prodotti tal-inbid aromatizzat. Sabiex jiġu żgurati s-sempliċità u ċ-ċarezza, dawn ir-regoli jenħtieġ li jkunu l-istess bħal dawk applikati għall-prodotti tad-dwieli.

(19) Sabiex jiġu ssodisfati d-domandi l-ġodda tal-konsumaturi u l-ħtieġa għall-innovazzjoni tal-prodott, ir-regoli dwar il-produzzjoni u t-tikkettar tal-kategorija ta' prodotti tal-inbid aromatizzat "*Glühwein*" jenħtieġ li jiġu emendati sabiex jippermettu l-użu tal-inbid rożè. Fl-istess ħin, jenħtieġ li jiġi pprojbit l-użu tat-terminu "rożè" fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' *Glühwein* prodott billi jitħalltu l-inbid aħmar u abjad jew kwalunkwe wieħed minnhom mal-inbid rożè. Għall-istess raġunijiet, huwa xieraq ukoll li tiġi stabbilita deroga li tippermetti li x-xorb alkoħoliku prodott bl-istess rekwiżiti bħal dawk stabbiliti għall-*Glühwein* iżda billi jintuża bħala ingredjent ewlieni l-inbid tal-frott minflok il-prodotti tad-dwieli juża d-denominazzjoni tal-bejgħ *Glühwein* fil-preżentazzjoni u t-tikkettar tiegħu.

(20) Bil-ħsieb li jiġi żviluppat it-turiżmu tal-inbid f'reġjuni tal-inbid b'denominazzjonijiet protetti u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, huwa xieraq li l-gruppi ta' produtturi li jimmaniġġjaw denominazzjonijiet ta' oriġini protetta u indikazzjonijiet ġeografiċi f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] jitħallew ikunu benefiċjarji tat-tip ta' interventi msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (i), tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9].

(21) Sabiex jinstab bilanċ bejn il-ħtieġa li l-Istati Membri jiżguraw ristrutturar effiċjenti tal-vinji u l-ħtieġa li tiġi evitata żieda fil-produzzjoni li tista' twassal għal provvista eċċessiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jistabbilixxu kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji kif imsemmi fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/2115. Jenħtieġ li dawn il-kundizzjonijiet ikollhom l-għan li jevitaw żieda fir-rendiment u b'riżultat ta' dan, żieda fil-produzzjoni għall-vinji soġġetti għal dan it-tip ta' interventi.

(22) Sabiex ikun hemm adattament għax-xejriet tas-suq u jiġu sfruttati opportunitajiet effiċjenti tas-suq, jenħtieġ li t-tul massimu tal-appoġġ għall-operazzjonijiet ta'

---

[8] Ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 (ĠU L, 2024/1143, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj).

[9] Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj).

promozzjoni u komunikazzjoni mwettqa f'pajjiżi terzi fir-rigward tal-konsolidazzjoni tas-swieq disponibbli jiġi estiż minn 3 snin għal 5 snin.

(23) Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fis-settur tal-inbid, l-investimenti msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/2115 li jitwettqu mill-organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jenħtieġ li jibbenefikaw mir-rata massima ta' assistenza finanzjarja mill-Unjoni stabbilita fl-Artikolu 59(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115 kif diġà huwa l-każ għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[10].

(24) Sabiex il-produtturi jiġu appoġġjati aktar fir-rigward tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, huwa pertinenti li tiġi prevista l-possibbiltà li l-Istati Membri jżidu l-assistenza finanzjarja massima mill-Unjoni għal investimenti li jsegwu dak l-objettiv sa 80 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli.

(25) Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-innovazzjoni msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2021/2115 jenħtieġ li ma tingħatax lil intrapriżi f'diffikultà skont it-tifsira tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà" kif inhu l-każ għall-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-investimenti msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), ta' dak ir-Regolament.

(26) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 251/2014 u (UE) 2021/2115 jiġu emendati skont dan.

(27) Sabiex il-produtturi jingħataw żmien biex jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda li jikkonċernaw id-denominazzjoni tal-prodotti tad-dwieli b'kontenut alkoħoliku baxx, jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti l-ġodda jibdew japplikaw 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Huwa xieraq ukoll li jiġu pprovduti regoli tranżizzjonali li jippermettu li l-prodotti tad-dwieli ttikkettati qabel l-applikazzjoni tar-rekwiżiti l-ġodda jkomplu jiġu introdotti fis-suq sakemm jiġu eżawriti l-istokkijiet.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013

Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 62(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, mogħtija f'konformità mal-Artikoli 64 u 68, għandhom ikunu validi għal 3 snin mid-data li fiha jkunu ngħataw. Produttur li ma jkunx uża awtorizzazzjoni mogħtija f'konformità mal-Artikoli 64 u 68 matul il-perjodu ta' validità tagħha għandu jkun soġġett għal penali amministrattivi kif previst fl-Artikolu 90a(4).

[10] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj).

B’deroga mill-ewwel subparagrafu, il-produttur li jkollhom awtorizzazzjonijiet validi f’konformità mal-Artikoli 64 u 68 mogħtija qabel l-1 ta’ Jannar 2025 ma għandhomx ikunu soġġetti għall-penali amministrattiva msemmija fl-Artikolu 90a(4) dment li jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti qabel id-data tal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni u sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Diċembru 2026 li ma għandhomx l-intenzjoni li jagħmlu użu mill-awtorizzazzjoni tagħhom.

L-awtorizzazzjonijiet mogħtija f’konformità mal-Artikolu 66 dwar it-tħawwil mill-ġdid ta’ dwieli għandhom ikunu validi għal 8 snin mid-data li fiha jkunu ngħataw. Il-produttur li ma jkunux użaw awtorizzazzjoni mogħtija f’konformità mal-Artikolu 66 matul il-perjodu ta’ validità tagħha ma għandhomx ikunu soġġetti għall-penali amministrattiva msemmija fl-Artikolu 90a(4).”

(2) L-Artikolu 63 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. L-Istati Membri jistgħu:

(a) japplikaw fil-livell nazzjonali perċentwal aktar baxx mill-perċentwal stabbilit fil-paragrafu 1;

(b) jillimitaw il-ħruġ ta’ awtorizzazzjonijiet fil-livell reġjonali, għal żoni speċifiċi eliġibbli għall-produzzjoni ta’ nbejjed b’denominazzjoni ta’ oriġini protetta, għal żoni eliġibbli għall-produzzjoni ta’ nbejjed b’indikazzjoni ġeografika protetta, jew għal żoni mingħajr indikazzjoni ġeografika

(c) jillimitaw il-ħruġ ta’ awtorizzazzjonijiet għal tħawwil ġdid fil-livell reġjonali, għal żoni speċifiċi fejn il-miżuri nazzjonali jew tal-Unjoni li jikkonċernaw id-distillazzjoni tal-inbid, il-qtugħ bikri jew il-qlugħ mill-għeruq tad-dwieli jkunu ġew implimentati f’każijiet ġustifikati ta’ kriżi.

Għall-finijiet tal-punt (c), “qtugħ bikri” tfisser il-qerda jew it-tneħħija totali ta’ għenieqed tal-għeneb waqt li jkunu għadhom fl-istadju immatur tagħhom, u b’hekk jitnaqqas ir-rendiment taż-żona rilevanti għal żero, u eskluż in-nuqqas ta’ qtugħ li jinkludi li l-għeneb kummerċjali jitħalla fuq il-pjanti fi tmiem iċ-ċiklu normali tal-produzzjoni. L-Istati Membri li jillimitaw il-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet għal tħawwil ġdid fil-livell reġjonali f’konformità mal-ewwel subparagrafu, il-punti (b) jew (c), jistgħu jirrikjedu li tali awtorizzazzjonijiet jintużaw f’dawk ir-reġjuni.”;

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, is-sentenza introduttorja hija sostitwita b’dan li ġej:

“3. Kwalunkwe limitazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tikkontribwixxi għall-adattament tal-potenzjal tal-produzzjoni għad-domanda tas-suq u għandha tkun iġġustifikata għal waħda jew aktar mir-raġunijiet speċifiċi li ġejjin:”

(3) Fl-Artikolu 66(3), jiżdied dan it-tieni subinċiż li ġej:

“Stat Membru jista’ wkoll jissoġġetta l-għoti tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil mill-ġdid imsemmija fil-paragrafu 1 għal waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtorizzazzjoni għandha tintuża fl-istess żona ġeografika fejn kienu jinsabu d-dwieli maqlugħin mill-għeruq korrispondenti, meta ż-żamma tal-vitikultura f’dik iż-żona ġeografika hija ġġustifikata b’raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali,

(b) għandhom jintużaw biss varjetajiet u metodi ta' produzzjoni li ma jżidux ir-rendiment medju meta mqabbel mad-dwieli maqlugħin mill-għeruq jew varjetajiet tradizzjonali u metodi ta' produzzjoni ta' reġjun partikolari biss meta ż-żona bid-dwieli maqlugħin mill-għeruq korrispondenti tkun tinsab f'reġjun ta' produzzjoni li l-Istat Membru jkun ikkwalifika bħala affettwat minn żbilanċ strutturali tas-suq, jew

(c) l-awtorizzazzjoni ma għandhiex tintuża f'reġjun ta' produzzjoni li jkun differenti minn dak fejn tkun tinsab iż-żona bid-dwieli maqlugħin mill-għeruq meta l-Istat Membru jkun ikkwalifika dak ir-reġjun ta' produzzjoni differenti bħala affettwat minn żbilanċ strutturali tas-suq."

(4) L-Artikolu 67 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 67*

De minimis

L-iskema ta' awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil ta' dwieli stabbilita f'dan il-Kapitolu ma għandhiex tapplika fl-Istati Membri fejn iż-żona tal-vinji ma tkunx qabżet l-10 000 ettaru f'mill-inqas 3 mill-5 snin ta' kummerċjalizzazzjoni preċedenti. Meta dik il-kundizzjoni ma tibqax tiġi ssodisfata fi Stat Membru, l-iskema ta' awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil ta' dwieli għandha tapplika f'dak l-Istat Membru mill-bidu tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni ta' wara dik li fiha l-kundizzjoni ma baqgħetx tiġi ssodisfata."

(5) L-Artikolu 119(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) id-denominazzjoni għall-kategorija tal-prodott tad-dwieli f'konformità mal-Anness VII, il-Parti II. Għall-kategoriji ta' prodotti tad-dwieli definiti fl-Anness VII, il-Parti II, il-punt (1) u l-punti (4) sa (9), fejn ikun ġie applikat trattament ta' dealkoħolizzazzjoni f'konformità mal-Anness VIII, il-Parti I, it-Taqsima E, għat-totalità tal-prodott jew għal parti minnu, id-denominazzjoni tal-kategorija għandha tkun akkumpanjata minn:

(i) it-terminu "mingħajr alkoħol" jekk il-qawwa alkoħolika proprja tal-prodott ma taqbiżx 0,5 % skont il-volum; akkumpanjata mill-espressjoni "0,0 %", jekk il-qawwa alkoħolika proprja tal-prodott ma taqbiżx 0,05 % skont il-volum;

(ii) it-terminu "b'ammont ta' alkoħol ħafif" jekk il-qawwa alkoħolika proprja tal-prodott tkun 'il fuq minn 0,5 % skont il-volum u tkun mill-inqas 30 % inqas mill-qawwa alkoħolika proprja minima tal-kategorija qabel id-dealkoħolizzazzjoni.

(b) jiżdied il-punt (k) li ġej:

"(k) Għall-prodotti tad-dwieli msemmija fil-punt (a), it-tieni sentenza, l-espressjoni "prodotti permezz tad-dealkoħolizzazzjoni."

(6) Fl-Artikolu 122(1), il-punt (d), jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(v) l-identifikazzjoni fuq l-imballaġġ jew it-tikketta mwaħħla miegħu tal-mezzi elettroniċi msemmija fl-Artikolu 119(4) u (5), inkluż permezz ta' pittogramma jew simbolu minflok kliem;

(vi) il-forma u t-tqassim tal-informazzjoni pprovduta b'mezzi elettroniċi, sabiex tiġi ssimplifikata l-preżentazzjoni tagħha, tiġi adattata għall-progress teknoloġiku futur, għal rekwiżiti ġodda dwar l-informazzjoni rilevanti għall-konsumaturi kif previst mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali, jew sabiex tittejjeb l-aċċessibbiltà tal-konsumatur.".

(7) Fl-Artikolu 167(1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Sabiex tittejjeb u tiġi stabbilizzata l-operazzjoni tas-suq komuni fl-inbejjed, inkluż l-għeneb, il-most u l-inbejjed li ġejjin minnhom, l-Istati Membri produtturi jistgħu jistabbilixxu regoli ta' kummerċjalizzazzjoni li jirregolaw il-provvista, inkluż l-iffissar ta' rendimenti massimi u l-istabbiliment ta' regoli għall-ġestjoni tal-istokkijiet. L-Istati Membri għandhom iqisu l-proposti adottati mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti skont l-Artikoli 152 u 154 jew l-organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti skont l-Artikoli 157 u 158 meta tali organizzazzjonijiet jitqiesu li huma rappreżentattivi għas-settur tal-inbid, f'konformità mal-Artikolu 164(3), fiż-żona ekonomika jew fiż-żoni ekonomiċi fejn ikun maħsub li jiġu applikati r-regoli.".

(8) L-Artikolu 216 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Pagamenti nazzjonali għad-distillazzjoni ta' nbid, il-qtugħ bikri jew il-qlugħ mill-għeruq tad-dwieli f'każijiet ġustifikati ta' kriżi"

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu pagamenti nazzjonali lill-produtturi tal-inbid għad-distillazzjoni volontarja jew obbligatorja ta' nbid, il-qtugħ bikri volontarju u l-qlugħ mill-għeruq volontarju tad-dwieli ta' vinji produttivi f'każijiet ġustifikati ta' kriżi.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "qtugħ bikri" tfisser il-qerda totali jew it-tneħħija ta' għenieqed tal-għeneb waqt li jkunu għadhom fl-istadju immatur tagħhom, u b'hekk ir-rendiment taż-żona rilevanti jitnaqqas għal żero, u eskluż in-nuqqas ta' qtugħ li jinkludi li l-għeneb kummerċjali jitħalla fuq il-pjanti fi tmiem iċ-ċiklu normali tal-produzzjoni.

Il-pagamenti msemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandhomx jaqbżu l-kostijiet tal-prodott, fejn ikun rilevanti, u tal-operazzjoni kkonċernata, flimkien ma' inċentiv għall-involviment f'tali operazzjoni, sabiex il-kriżi tkun tista' tiġi indirizzata.

L-ammont globali tal-pagamenti disponibbli fi Stat Membru fi kwalunkwe sena partikolari għall-pagamenti nazzjonali għad-distillazzjoni u l-qtugħ bikri ma għandux jaqbeż 20 % tal-fondi disponibbli globalment għal kull Stat Membru għal dik is-sena kif stabbilit fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/2115.

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri li jkunu jixtiequ jagħmlu użu mill-pagamenti nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jissottomettu avviż debitament sostanzjata lill-Kummissjoni. Fin-notifiki tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiġġustifikaw l-adegwatezza tal-miżura, it-tul tagħha u l-ammonti ta' appoġġ u modalitajiet oħra abbażi taċ-ċirkostanzi speċifiċi tas-suq tagħhom u dawk tar-reġjuni tal-inbid li fihom il-miżura tiġi implimentata. "

Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, mingħajr ma tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 229(2) jew (3), jekk l-ammont, it-tul u modalitajiet oħra tal-miżura humiex approvati u jekk jistgħux isiru l-pagamenti lill-produtturi tal-inbid.

(d) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 227 biex tissupplimenta dan l-Artikolu billi tistabbilixxi regoli dwar rekwiżiti minimi għall-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' kriżi u dwar il-kalkolu tal-pagamenti nazzjonali."

(9) Fil-Parti II tal-Anness VII, jiżdied il-paragrafu li ġej bħala t-tieni subparagrafu mal-kliem introduttorju:

"Il-prodotti tad-dwieli tal-kategoriji stabbiliti fil-punti (4) u (7) jistgħu jinkisbu wkoll, rispettivament, bit-tieni fermentazzjoni ta'nbejjed dealkoħolizzati jew parzjalment dealkoħolizzati, jew biż-żieda tad-diossidu tal-karbonju magħhom, imsemmija fil-punt (1).

Artikolu 2

Emendi tar-Regolament (UE) Nru 251/2014

Ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. B'deroga mil-limiti minimi tal-qawwa alkoħolika stabbiliti fil-paragrafu 2, il-punt (g), il-paragrafu 3, il-punt (g), u l-paragrafu 4, il-punt (f), u fl-Anness II għal kull kategorija ta' prodotti, il-prodotti tal-inbid aromatizzat jista' jkollhom qawwa alkoħolika proprja skont il-volum aktar baxxa meta jinkisbu minn prodotti tad-dwieli li jkun sarilhom, fit-totalità tagħhom jew parzjalment, trattament ta' dealkoħolizzazzjoni f'konformità mat-Taqsima E tal-Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013."

(2) Fl-Artikolu 5, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Meta l-prodotti tal-inbid aromatizzat ikunu nkisbu minn prodotti tad-dwieli li jkunu għaddew, fit-totalità tagħhom jew parzjalment, minn trattament ta' dealkoħolizzazzjoni f'konformità mat-Taqsima E, il-Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, id-denominazzjonijiet tal-bejgħ tagħhom għandhom jiġu ssupplimentati bl-istess termini bħal dawk stabbiliti għal dawk il-prodotti tad-dwieli fl-Artikolu 119(1), il-punt (a), it-tieni sentenza, u fl-Artikolu 119(1), il-punt (k), tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 bl-istess kundizzjonijiet."

(3) Fl-Artikolu 6a, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4a. Sabiex jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tal-inbid aromatizzat, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 34(2) ħalli tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta regoli dwar:

(a) l-identifikazzjoni fuq l-imballaġġ jew it-tikketta mwaħħla miegħu tal-mezzi elettroniċi msemmija fil-paragrafi 2 u 3, inkluż permezz ta' pittogramma jew simbolu minflok kliem;

(b) il-forma u t-tqassim tal-informazzjoni pprovduta b'mezzi elettroniċi, sabiex tiġi ssimplifikata l-preżentazzjoni tagħha, tiġi adattata għall-progress teknoloġiku futur, għal rekwiżiti ġodda dwar l-informazzjoni rilevanti għall-konsumaturi kif

previst mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali, jew sabiex tittejjeb l-aċċessibbiltà tal-konsumatur.”

(4) Fil-Parti B tal-Anness II, il-punt (8) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(8) *Glühwein*

Xorb ibbażat fuq l-inbid aromatizzat

– li jinkiseb esklużivament minn inbid aħmar jew abjad jew rożè jew taħlita tagħhom,

– li jingħata t-togħma prinċipalment bil-kannella jew bl-imsiemer tal-qronfol, jew bit-tnejn li huma, u

– li għandu qawwa alkoħolika proprja skont il-volum ta’ mhux inqas minn volum ta’ 7 %.

Mingħajr ħsara għall-kwantitajiet tal-ilma li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Anness I, il-punt 2, iż-żieda ta’ ilma hija projbita.

Meta jkun ġie ppreparat minn inbid abjad, id-denominazzjoni tal-bejgħ “Glühwein” għandha tiġi ssupplimentata bi kliem li jindikaw inbid abjad, bħall-kelma “abjad”.

Meta jkun ġie ppreparat esklużivament minn inbid rożè, id-denominazzjoni tal-bejgħ “Glühwein” għandha tiġi ssupplimentata bi kliem li jindikaw l-inbid rożè, bħall-kelma “rożè”. Madankollu, il-kelma “rożè” ma għandhiex tintuża meta l-Glühwein jinkiseb billi l-inbid aħmar jitħallat mal-inbid abjad jew wieħed minn dawn l-inbejjed jitħallat mal-inbid rożè.

B’deroga mill-Artikolu 5(1) u (3) ta’ dan ir-Regolament, id-denominazzjoni tal-bejgħ “*Glühwein*” tista’ tintuża fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta’ xorb alkoħoliku prodott f’konformità mar-rekwiżiti ta’ hawn fuq, iżda li jkunu nkisbu minn xorb iffermentat miksub minn frott għajr l-għeneb. F’dak il-każ, id-denominazzjoni tal-bejgħ “*Glühwein*” trid tiġi ssupplimentata bi kliem li jindika li nkiseb minn inbid tal-frott, jew wieħed mit-termini li ġejjin: “*Heidelbeer-Glühwein*”, “*Apfel-Glühwein*” jew “*Frucht-Glühwein*”.

Artikolu 3

Emendi tar-Regolament (UE) 2021/2115

Ir-Regolament (UE) 2021/2115 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 58(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (i) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(i) azzjonijiet imwettqa minn organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti mill-Istati Membri fis-settur tal-inbid f’konformità mar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jew minn gruppi ta’ produtturi li jimmaniġġjaw denominazzjonijiet ta’ oriġini protetta u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti f’konformità mar-Regolament (UE) 2024/1143* bl-għan li jtejbu r-reputazzjoni tal-vinji tal-Unjoni billi jippromwovu t-turiżmu tal-inbid fir-reġjuni tal-produzzjoni;

_____;

* Ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 (ĠU L, 2024/1143, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj)."

(b) it-tieni subparagrafu li ġej jiddaħħal wara l-ewwel subparagrafu:

"Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet agronomiċi, vitikulturali speċifiċi jew kwalunkwe tip ta' kundizzjoni oħra li tiżgura li ma jkun hemm l-ebda żieda fir-rendiment għall-vinja soġġetta għal dan it-tip ta' interventi wara l-konverżjoni varjetali, ir-rilokazzjoni tal-vinja, it-tħawwil mill-ġdid ta' dwieli tal-vinja jew it-titjib tat-tekniki ta' ġestjoni tal-vinji."

(c) it-tieni subparagrafu jsir it-tielet subparagrafu u huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ewwel subparagrafu, il-punt (k), għandu japplika biss għal inbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta jew inbejjed b'indikazzjoni tal-varjetà ta' għeneb tal-inbid. L-operazzjonijiet ta' promozzjoni u komunikazzjoni mmirati lejn il-konsolidazzjoni tas-swieq disponibbli għandhom ikunu limitati għal tul massimu ta' 5 snin, li ma jistax jiġi estiż, u għandhom jikkonċernaw biss l-iskemi tal-kwalità tal-Unjoni li jkopru d-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi.";

(2) L-Artikolu 59 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-investimenti msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), ma għandhiex taqbeż:

(a) 50 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli f'reġjuni inqas żviluppati;

(b) 40 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli f'reġjuni minbarra reġjuni inqas żviluppati;

(c) 75 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi;

(d) 65 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli fil-gżejjer minuri tal-Eġew.

L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni bir-rata massima stabbilita fl-ewwel subparagrafu għandha tingħata biss lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE** u lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Madankollu, tista' tingħata lill-intrapriżi kollha fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew.

Għall-intrapriżi, għajr l-organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, li mhumiex koperti mill-Artikolu 2(1) tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, b'inqas minn 750 impjegat jew b'fatturat annwali ta' inqas minn EUR 200 miljun, il-livelli massimi tal-

assistenza finanzjarja mill-Unjoni stabbiliti fl-ewwel subparagrafu għandhom jitnaqqsu bin-nofs.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-investimenti msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tista' tiżdied sa 80 % tal-ispejjeż tal-investiment eliġibbli għall-investimenti marbuta mal-objettiv li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih stabbilit fl-Artikolu 57, il-punt (b).

L-ebda assistenza finanzjarja mill-Unjoni ma għandha tingħata lil intrapriżi f'diffikultà skont it-tifsira tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà[***].

_____;

** Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj).

*** ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1, ELI: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52014XC0731(01).

(b) fil-paragrafu 4, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Madankollu, l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għall-investimenti msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (m), tista' tiżdied sa 80 % tal-kostijiet tal-investiment eliġibbli għall-investimenti marbuta mal-objettiv tal-kontribut għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih stabbilit fl-Artikolu 57, il-punt (b).";

(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-innovazzjoni msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), ma għandhiex taqbeż:

(a) 50 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli f'reġjuni inqas żviluppati;

(b) 40 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli f'reġjuni minbarra reġjuni inqas żviluppati;

(c) 80 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi;

(d) 65 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli fil-gżejjer minuri tal-Eġew.

L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni bir-rata massima stabbilita fl-ewwel subparagrafu għandha tingħata biss lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE u lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Madankollu, tista' tingħata lill-intrapriżi kollha fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew.

Għall-intrapriżi, għajr l-organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, li mhumiex koperti mill-Artikolu 2(1) tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, b'inqas minn 750 impjegat jew

b’fatturat annwali ta’ inqas minn EUR 200 miljun, il-livelli massimi tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni stabbiliti fl-ewwel subparagrafu għandhom jitnaqqsu bin-nofs.

B’deroga mill-ewwel subparagrafu, l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-investimenti msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), tista’ tiżdied sa 80 % tal-ispejjeż tal-investiment eliġibbli għall-investimenti marbuta mal-objettiv li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih stabbilit fl-Artikolu 57, il-punt (b).

